MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Numru 128/2002

**Artikolu 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 325**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**

**v**

**JOSEF SHARFID**

**Seduta ta' llum 7 ta' Novembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEF SHARFID** ta' sitta w ghoxrin sena bin Muhamed u Maria Dolores nee Mangion imwieled Pieta nhar d-disgha ta' Awissu, 1975 u joqghod

111, Flat 3, Triq d-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 392375M, kien gie imressaq quddiemha akkuzat talli mill-King's Own Band Club li huwa sitwat fi Triq r-Repubblika, il-Belt Valletta, nhar l-hmistax ta' Frar, 2002, fis-sighat bikrin ta' filghodu, kkommetta serq ta' flus kontanti ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu tal-Kumitat u tad-dirigenti tal-istess kazin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat f'diversi aperturi tal-imsemmi kazin, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-istess dirigenti u Kumitat tal-kazin.

Talli l-istess Josef Sharfid jinsab recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huwa definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Settembru, 2002 sabiex din il-kawza f'nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Settembru, 2002, li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jammetti l-akkuzi kollha kif addebitati lilu fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2002  u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kif adebitatati fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe nhar s-sittax ta' Frar, 2002 esibita bhala dokument DS a fol 30 tal-atti odjerni.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat instab bla flus u ghalhekk deherlu li kellu jisraq il-King's Own Band Club. Huwa ddeskriva kif effettivament dahal f'dan l-fond, kif kisser il-hgieg, kif kisser l-alarm biex ma tkomplix ddoqq, kif kisser il-magna tal-loghob u sussegwentement kif seraq l-flus. Spjiega wkoll kif huwa ttanta jigri 'l hemm mill-Pulizija u jaharbilhom ghalkemm spicca go shaft. Huwa jghid li dakinhar lejliet, kien xorob xi ftit u ha xi pilloli maghrufa bhala Dalmaine u Valium.

Illi ghalhekk il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar il-partecipazzjoni tieghu f'dawn r-reati.

Il-Qorti semghet lil Tony Polidano fil-kapacita tieghu ta' Tezorier tal-King's Own Band Club jghid, kif jirrizulta a fol 176 et seq tal-atti, li l-kazin sofra ammont ta' mitejn tnejn u ghoxrin lira maltin bhala danni rapprezentanti serq u hsarat ghalkemm il-Qorti ma taqbilx mal-Prosekuzzjoni meta qalet li l-Kumitat sofra danni fl-ammont ta' erbgha mija u ghaxar liri maltin bhala danni fit-trattazzjoni li ghamlet.

Il-Qorti rat wkoll li fir-relazzjoni tal-espert nominat fl-inkjesta konfermat f'din l-kumpilazzjoni gew kagjonati hsarat ohra f'dan l-incident u dan ghad-dannu ta' Royal Pharmacy, tal-fond maghruf bhala Luigi, pero l-imputat ma giex akkuzat dwar dawn il-fondi u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibiti fl-atti bhala dokument CSH 1 a fol 7 et seq tal-atti odjerni u tirrileva li in effetti ma hija xejn inqas minn ktieb.

L-imputat li ghandu biss erbgha w ghoxrin sena diga ghandu tmintax il-conviction registrat fuq il-fedina penali tieghu tul medda ta' tmien snin. Fost r-reati li nstab hati taghhom hemm diversi serqiet, hsara voluntarja, pusses ta' droga, attentat ta' serq, theddid ta' ufficjali pubblici u ksur ta' disposizzjonijiet tal-Arms Ordinance.

Illi huwa diga nghata diversi cansijiet sabiex jirriforma ruhu tant li nghata diversi ordnijiet ta' probation, hlas ta' multi u

sentenzi sosprizi izda dan nonostante, reghha qieghed il-Qorti akkuzat b'reati ohra.

Fuq domanda tad-Difiza kif registrata fl-atti tas-seduta tat-tlettax ta' Mejju, 2002, il-Qorti kienet nnominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji pre-sentencing inquiry report dwar l-imputat, u nhar l-hdax ta' Lulju, 2002 l-istess Probation Officer ippresentat r-relazzjoni taghha li tinsab mmarkata bhala dokument KS a fol 192 et seq.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat dahal fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin hdax il-darba, sitt darbiet fuq arrest preventiv u hames darbiet fuq sentenza. Dan nonostante pero xorta rrakkomandat li l-imputat jinghata sentenza fil-komunita izda b'supervizzjoni ta' Ufficjal ta' Proabtion u sabiex jinghata l-beneficcju sabiex jirriabilita ruhu bl-ahjar mod possibbli.

Illi l-istess Senior Probation Officer rrilevat wkoll li l-imputat ghandu problema ta' droga u ghalhekk issuggerit lil Qorti sabiex tindirizza wkoll din il-problema meta tigi biex tapplika l-piena idoneja.

Illi s-Senior Probation Officer fi ftit kliem spjiegat li l-imputat ma kellux trobbija facili, anzi kellu trobbija difficili specjalment meta tqis li trabba bla missier, u dan il-fatt, halla effett negattiv fuq t-trobbija tieghu.

In oltre minhabba il-problema ta' droga li ghad ghandu il-hajja tieghu xejn ma hi stabbli u ghalkemm ilu b'din il-problema ghal zmien twil, qatt ma segwa programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga.

Id-Difiza wkoll sostniet li l-imputat huwa il-prodott, li hu, minhabba l-istat socjali tieghu, missieru hu ta' nazzjonalita Gharbija u li gie deportat minn Malta, li beda jabbuza mid-droga meta kien ghad ghandu tlettax il-sena, u li trabba man-nanna, li hija mara anzjana u li ma kienetx kapaci minhabba l-eta taghha tiehu hsieb lil imputat u qatt ma wzat dixxiplina fuqu.

Id-Difiza qablet mar-rakkomandazzjonijiet moghtija mis-Senior Probation Officer u ghamlithom taghha fit-trattazzjoni taghha.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra, ma qablet xejn dwar r-rakkomandazzjonijiet li ghamlet s-Senior Probation Officer dwar il-piena.

Il-Prosekuzzjoni sostniet li dan ma hux kaz genwin ghaliex l-imputat diga nghata hafna cansijiet mill-Qorti u ma tghallimx jisfrutta l-okkazzjonijiet moghtija lilu, li ghandu fedina penali li tirrifletti fuq il-karattru u agir kriminuz tieghu u ghalhekk sta ghal Qorti sabiex tibghat messagg lis-socjeta, li bniedem ma jistax jibqa jikser dufrejh mal-ligi w imbaghad jitlob klemenza fil-piena. Il-Prosekuzzjoni sostniet li huwa inutili li l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas d-danni sofferti mill-vittmi ghaliex m'ghandhux minn fejn jhallashom u b'hekk qisa qed tghidlu biex jerga jmur jisraq.

Il-Prosekuzzjoni wkoll ma taqbilx mad-Difiza meta tghid li l-imputat huwa delinkwent minhabba l-istat socjali tieghi, anzi tghid li s-socjeta ssapportiet wisq mieghu.

Illi d-Difiza talbet lil din il-Qorti ftit hniena u klemenza mal-imputat peress li ghandu l-vizzju tad-droga u peress li jrid jfieq minn dan il-vizzju u problema. Talbet lil Qorti wkoll sabiex taghti lil imputat opportunita biex ikun jista jsegwi kors adegwat sabiex jehles minn dan il-problema. Pero sabiex issahhah dan il-punt, id-Difiza ma gabet ebda prova, xhud jew rappresentant tas-sezzjoni tar-rihabilitazzjoni li hemm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn l-imputat ilu ghal dawn l-ahhar ftit xhur, sabiex issahhah t-talba tal-imputat, jew xi rappresentant tal-Caritas jew tas-Sedqa sabiex juru lil Qorti x'possibilita hemm ghal din r-rihabilitazzjoni da parti tieghu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita u facilita biex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju. Din

il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien qieghed quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min veru wera rieda tajba u affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata kull cans li jfieq u jerga jjirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz pero, il-Qorti ma hi qed thossha xejn konvinta kemm din t-talba tieghu biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera u affidabbli. Jirrizulta li veru li l-imputat jabbuza mill-uzu tad-droga izda ma jirrizultax kemm kienu genwini l-isfrozi tieghu precedenti sabiex jgheleb dan il-vizzju, li certament ilu fuqu ghal numru twil ta' snin.

Il-Qorti tirrileva wkoll li waqt li l-imputat kien nghata l-liberta provizorja u kien jattendi l-Qorti, dejjem deher stordut, incert u sahansitra anke jorqod fl-awla u kien proprju minn meta il-Qorti rrevokatlu l-liberta provizorja ghaliex ma segwix l-kundizzjonijiet imposti fuqu, li donnu ha r-ruh u deher aktar sensih u f'ghajnejn il-Qorti mexa 'l quddiem.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEF SHARFID hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tletin xahar minn liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin mill-llum u dan ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u qed tinnomina ghal dan il-ghan lil Probation Officer Carmen Borg.**

**L-imputat probationer ghandu jzomm kuntatt regolari mal-Probation Officer Carmen Borg specjalment wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija mposta fuqu b'din s-sentenza.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex, sa fejn hu possibbli, jaghti l-ghajnuna kollha rikjesta mill-imputat in konnessjoni mal-problema tieghu tat-tehid td-droga.**

**Il-Qorti tissolecita lil Probation Officer Carmen Borg sabiex zzommha nfurmata dwar l-andament tal-imputat b'rapport bil-miktub darba kull sitt xhur waqt li imputat ikun fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghandha ggibu quddiemha darba kull erbgha xhur fil-perjodu li l-imputat ma jkunx ghadu detenut.**

**Il-Qorti li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Borg minnufih.**

**Consuelo Scerri Herrera**
**Magistrat**